Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Seduta | | | 00 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | | |
| Data | | | 08-03-2012 fis-6.20pm | | | |
| Post | | | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 | | | |
| Attendenza | | | | Sindku Joe Attard | Preżenti | |
| | | | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti | |
| | | | | Camilleri Claude | Preżenti sa 8.30pm | |
| | | | | Darmanin Richard | Assenti | |
| | | | | Fenech Stephanie | Preżenti | |
| | | | | Hales Joseph | Preżenti | |
| | | | | Pace Darrell | Assenti | |
| | | | | Seychell Anthony | Preżenti | |
| | | | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti | |
| | | | | | | |
| Prezenti | | | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | | |
| | | | | Assistant Principal Joanne Muscat | | |
| | | | | | | |
| **03.** | **1.** | | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 1. | 1 | | Proponent: Seychell<br>Sekondat: Viċi Sindku | **Il-Minuti 02/12 inqraw u gew approvati nem.con b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | | | 02.2.1 | Is-sentenza titranga kif gej:- "Diga bdew jinbieghu mil-100 postcard li ġew stampati." | | |
| | | | | Tizdied:- Il-Viċi Sindku fakkret fil-proposta sabiex studenti Universitarji li għamlu teżi b'xi mod konnessa maż-Żejtun mhux biss ninkuraġġuhom izda inħajjru zgħazagħ Żwieten iħallu kopja tagħha l-Kunsill. | | |
| 03. | 1. | 2 | | **Wara l-minuti gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju ezekuttiv** | | |
| | | | | | | |
| **03.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 2. | 1 | 02.2.2 | Sindku: Panelli Fotovoltjiċi | Is-Sindku s-Segretarju Eżekuttiv spjegaw kif bħalissa qiegħdin nistennew l-Enemalta iqabbdu s-sistema tal-PV mad-dawl. Is-Segretarju spjega wkoll kif fuq parir ta' l-Alberta il-Kunsill jaqbillu jikkonsma d-dawl li jigi ġġenerat mil-pannelli. | Seychell |
| 03. | 2. | 2 | 02.2.3 | Seychell: Kuncert tal-Milied | Seychell informa lil Kunsill li l-Kuncert tal-Milied ser isir nhar id-29 ta' Dicembru 2012. | Seychell |
| 03. | 2. | 3 | 02.2.5 | Sindku: Zebra Crossings | Sindku saqsa li Segretarjat jekk ircievejniex xi feedback mingħand it-TM. Is-Segretarjat wieġeb fin-negattiv. | |
| 03. | 2. | 4 | 02.2.6 | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lil Kunsill li x-xogħol fuq ic-Child Day Care Centre miexi gmielu. Huwa propona li kif jitlesta jitwaħħal inkwatru ta' Sur Joe Abela bhala gratitudni għad-donazzjoni li saret għac- Child Day Care Centre. Il-Kunsill qabel nem.con | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2. | 5 | | 02.2.7 | Sindku: Attivita Muzikali Beland | Is-Sindku nforma lil Kunsill bl-iżviluppi dwar din l-attivita. Spjega li meta s-segretarju u hu iltaqgħu ma l-organizzaturi ta' din l-attivita huma kuntenti ferm bil-qbil li sar . Is-Sindku nforma lill Kunsill li li ma inżamm l-ebda ħlas għal din l-attivita. | Sindku |
| 03. | 2. | 6 | | 02.2.8 | Sindku: Triq Strejnu | Is-Sindku nforma lil Kunsill li x-xogħol fi Triq Strejnu beda iżda għal raġunijiet mhux magħrufa bħalissa jidher li mhu jsir l-ebda progress. | Sindku |
| 03. | 2. | 7 | | 02.2.9 | Sindku: Performance Bonus Impjegati IPSL | Is-Sindku saqsa lis-Segretarjat jekk ħadniex xi risposta. Is-Segretarjat informa lil Kunsill li d-Dipartiment infurmana li dan il ħlas ma jistax isir. | |
| 03. | 2. | 8 | | 02.3.5 | Camillieri: Kotba lil St Thomas More JL, Sta Lucija | Camilleri spejga kif il-kotba li ntalbu kienu sabiex jintuzaw fil-librerija. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jingħataw kotba għal libreriji barra miż-Żejtun għax l-ewwel preferenza hija l-libreriji tal-lokal tagħna, izda qabel li għandhom jingħataw kotba biss ghal 'prize day' lit-tfal Zwieten. | Camilleri |
| 03. | 2. | 9 | | 02.6.3 | Sindku: Isem CDCC | Is-Sindku propona li għandha tidħol il-kelma Zejtun wara l-isem propost jigifieri issa l-isem jigi "Il-Manuċċa Child Day Care Centre, Żejtun". Il-ħsieb hu li dan iċ-Ċentru jinfetaħ ghal wara s- sajf u li ghat-tmexija tiegħu ser tohrog sejħa pubblika. Is-Segretarjat informa lil Kunsill li nhar il-Hamis 15 ta' Marzu Ms Sandra Jackson mis- Social Welfare ghandha appuntament | |
| 03. | 2. | 10 | | 02.8.1 | Sindku: Misrah Indipendenza | Sindku nforma lil Kunsill li ser isir iċ-caqliq ta' l-arbli tad-dawl f'Misrah Indipendenza u li aktar kmieni illum giet il-Perit AudreyAnn Bonnici sabiex tara l-andament tax-xogħol. | Sindku |
| 03. | 2. | 11 | | 02.09.1 | Sindku: In-Numru ta' bejjiegħa tas-Suq | Is-Sindku nforma lil Kunsill li wara li xoghol f'Misrah Indipendenza jitlesta ser jizdied in-numru ta' bejjiegh tal-monti b' madwar 20 posta oħra. | |
| 03. | 2. | 12 | | 02.10.1 | Sindku: Laqgha Pubblika | Is-Sindku nforma lil Kunsill bil-bdil tad-data għal Laqgħa Pubblika li issa ser issir nhar il-Hamis 22 ta' Marzu. Is-Segretarjat fakkar lil Kunsilliera fuq ir-rapport ta' ħidma li irid ikun lest sa nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu. | |
| 03. | 2. | 13 | | 02.11.1 | Segretarjat: Proċess ta' l-Awditjar | Gie spjegat kif l-Awditur lesta l-' audit visit' nhar id-29 t'April 2012 u huwa ikonferma li mill-Kunsill Lokali Zejtun fil prezent ma' ghandux bzonn aktar nformazzjoni. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2. | 14 | | 02.12.1 | Sindku: Rotta 29 | Is-Sindku informa lil Kunsill kif il-'billboard' li hemm fi Vjal 25 ta' Novembru rega ġie vandalizzat. Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser tibqa ssir insistenzal ma' l-Awtoritajiet konċernati fuq it-trasport Pubbliku sabiex jerġa jkollna rotta 29 u l-linja lejn l-isptar Mater Dei tinkludi wkoll l-Isptar San Luqa. | Sindku |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| **03.** | **3.** | | | | **Korrispondenza** | | |

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/11. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 3. | 1 | | 01 | MEPA - PA00444/12 | Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzzjoni tal-MEPA li jekk jinħareg l-permess għal garaxxijiet taħt il-livell tat-triq , il-bankina għandha tkun tajba u aċċessibli għal 'pedestrians'. | Sindku |
| 03. | 3. | 2 | | 02 | MEPA - PA 00458/12 | Il-Kunsill qabel li joġġezzjona għall-applikazzjoni ta' gaming shop fi Triq Santa Marija. Is-Segretarjat informa lil Kunsill li l-applikazzjoni tal-gaming shop ta' Misrah Indipendneza giet *rifjutata* u għal dik ta' Misrah il-Bjar saru '*refresh of plans*' | Sindku |
| 03. | 3. | 3 | | 03 | MEPA - PA00295/12 | Il-Kunsill qabel sabiex jigi nfurmat lil Kunsill Lokali Tarxien fuq ti-tankijiet tal-gass li hemm il-hsieb li jwaħħlu l-Medelec Switchgear Ltd f'Bulebel | Sindku |
| 03. | 3. | 4 | | 07 | DLG - Street Hawkers | Is-Sindku qara l-korrispondenza mingħand id--Dipartiment dwar il-permessi ta' 'l-Istreet Hawkers'. | |
| 03. | 3. | 5 | | 09 | Dr Owen Bonnici - Julio Camilleri | Il-Kunsill irċieva proposta mingħand Dr. Owen Bonnici sabiex il-5-a-side pitch f'Gnien San Girgor jissemma għal Julio Camilleri. Il-Kunsill qabel u ser jitkellem maż-Żejtun Corinthians . Il-Kusnill qabel nem.con | |
| 03. | 3. | 6 | | 13 | TCTC - Computer Courses | Camilleri gie inkarigat jieħu ħsieb il-korsijiet tal-komputer ghas-sajf 2012. | Camilleri |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 3. | 7 | | 15 | Catherine Attard - Triq Toni Zahra k/m Triq Santa Katarina | Is-Sindku nforma lil Kunsill bil-problema tat-traffiku li hemm fi Triq Toni Zahra k/m Triq Santa Katarina fejn sikwiet isiru incidenti tat-traffiku. Is-Sindku propona li f'din il-kantuniera isir railing. Il-Kunsill qabel nem.con. Rigward it-Traffic management ġie propost sabiex isiru sleeping police kif ukoll sabiex it-Triq issir one way l-isfel. Rigward il-proposta tal-one way is-Sindku ippropona li l-ewwel għandna niktbu lir-residenti qabel issir il-proposta b'mod uffiċjali ma TM. | Sindku |
| 03. | 3. | 8 | | 16 | JP2 Memorial Festival 2012 | Is-Sindku inkariga lil Seychell jieħu ħsieb din l-attivita li ser isir fi 2 t'April. JP2 Memorial qed jitolbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill sabiex dan il-festival jsir gewwa iz-Zejtun. Il-Kunsill qabel nem.com li tingħata l-għajnuna meħtieħa. | Seychell |
| 03. | 3. | 9 | | 18 | MP Carmelo Abela - Zjara miz-zghazagh fil-parlament | Fenech nfurmat lil Kunsill li kif ikollna data fissa ta' meta tista' isir din iz-zjara, jinħareg il-poster. | Fenech |
| 03. | 3. | 10 | | 19 | Guido Zammit - ETC | Sindku nforma lil Kunsill li minn nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu ser jirrapurtaw il-Kunsill żewġ ħaddiema oħra taħt l-iskema li qed toffri l-ETC. | |
| 03. | 3. | 11 | | 20 | Angelo Zahra - Servizz ta' Tindif | Gew infurmati kif is-Sur Zahra qed jipproponi li ir-rati ghal ħasil u tindif tal-bini tal-Kunsill tizdied ghal Euro 8.50 is-siegħa. Is-Segretarjat qed jipproponi li s-servizz jitqassam fuq 10 sieghat fil-gimgha bejn il-Kunsill / Arti u Artigjanat/ Librerija / Tribunal. Il-Vici Sindku fakkret lil Kunsill fuq xi skema ta' l-ETC li biha suppost kellha titħallas il-Carer. Is-Segretarjat għandu jikteb lil l-ETC fuq din l-isekma. | Segretarjat |
| 03. | 3. | 12 | | 22 | Carmelo Vassallo - Zjara mill-Ambaxxatur ta' Spanja fiz-Zejtun | Il-Kunsill qabel li għandha tiġi ffisata data għal meta dan għandha ssir din iż-żjara. | Sindku |
| | | | | | | | |
| **03.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 4. | 1 | | | **Tabella tal-ħlasijiet 02/12** | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | |
| | | | | 19 | Sindku propona li l-isem ta' l-attivita meta isir Weekend Break għandu jinbidel ghal xi haga iktar partikolari b'mopd li juri s-sinifikat soċjali ta' din ix-xorta t'attivita. | | Vici Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 71 | Sindku talab lil Kunsilliera jekk kienx hemm xi problemi bil-gbir ta' l-iskart door to door. Il-Viċi Sindku rrimarkat li meta Triq il-Madonna tal-Hniena kienet qed tkun magħluqa minħabba xi xogħlijiet l-iskart ma kienx qed jingabar. Wille Piscopo gibdet l-attenzzjoni li r-residenti qed joħorgu l-iskarti fil-kantuniera fl-inħawi ta' Triq id-Dejma. | | |
| | | | | | Ġie propost mill-Viċi Sindku biex nippruvaw insibu xi soluzzjoni għal ġbir tal-White & Electronic goods biex intaffu ftit l-ispiza tal-Bulky Refuse | | |
| 03. | 4. | 4 | | | **Talbiet għal Xiri 03/12** | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | |
| 03. | 4. | 5 | | | **Petty Cash - Frar 2012** | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Frar 2012 hekk kif prezentat, li kien jammonta għal Euro 225.14.** | |
| | | | | | | | |
| **03.** | **5.** | | | | **Tenders li ser jgħalqu 16.03.12** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 5. | 1 | | | Segretarjat - Jirraporta | Ġie irrapurtat li it-Tender tal-PPP ingabret minn Maksar, kif ukoll li t-Tender ta' CDCC inġabret mill M Quip u mill- Opal. Dawn jagħlqu fis-16 ta' Marzu fl-10.00am flimkien mal-kwotazzjonijiet l-oħra. | |
| | | | | | | | |
| **03.** | **6.** | | | | **UIF** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 3. | 6. | 1 | | | Sindku -Fondi tal-UIF | Is-Sindku propona sabiex b'dawn il-fondi issir running track mad-dawra tal-pitch ta' CDCC. Is-Segretarjat gie inkarigat sabiex jagħmel il-kuntatti meħtieġa. | Sindku |
| | | | | | | | |
| **03.** | **7.** | | | | **Devoluzzjoni art Triq Salvu Cacciattolo** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 3. | 7. | 1 | | | Sindku - Art Mitluq fi Triq Toni Zahra k/m Triq Salvu Cacciattolo | Is-Sindku spjega kif is-sit li hemm tmiss mal-5-a-side pitch ser tintalab sabiex tiġi devoluta lil Kunsill. Il-Kunsill qabel nem.con. | Sindku |
| | | | | | | | |
| **3.** | **8.** | | | | **Guardianship Deed Villa Rumana fl-ex Liceo Carlo Diacono** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| **3** | **8** | **1** | | | Seychell - Jirraporta | il-Kunsill ġie nfurmat kif waqt seminar fuq il-Kultura li sar fl-Excelsior l-Onor Chris Said spjega li r-raġuni li għadu ma sar xejn huwa minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani. Seychell qal ukoll li hemm ix-xnija li dan is sit ser jingħata lill Din l-Art Helwa. Is-Sindku informa lil Kunsill li hemm il pjan li Tas-Silg ser jinfetaħ għal pubbliku f'2015. | Sindku |
| | | | | | | | |
| **03.** | **9.** | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | NIL | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| 03. | 10. | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 10. | 1 | | | Sindku - Triq President Anton Buttigieg | Is-Sindku nforma lil Kunsill li qed isir parti minn din it-triq mit-TM għas-spejjeż tagħhom u spjega kif diġa hemm partijiet li minn meta tranġat sa issa niżlu jew sfrondaw. Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser jitqabbad l-avukat Owen Bonnici sabiex permezz ta' protest ġudizzjarju ninfurmaw lil Awtoritajiet ikkoncernati li l- Kunsill mhux responsabbli għal din it-Triq u toroq oħrajn li żgur m'humiex 'local access' bħal Triq Bormla Triq Ħal Tarxien u Triq Alfred Cachia Zammit.Sentejn ilu ir-rapport uffiċjali kien diġa ikklassifka dwn it-toroq bħala 75% jew aktar mhux accettabli | Sindku |
| 03. | 10. | 2.. | | | Sindku - Gieh iz-Zejtun 2012 | Is-Sindku fetaħ in-nomini quddiem il-Kunsill fejn b'kollox kien tlett nominazzjonijiet f'isem Julio Camilleri, Lino Psaila, Carmelo Delia u Christian Caruana. Il-Kunsill qabel nem.con li fir-regolamenti ghandhom jizdiedu li Post Mortem ma jinghatax kif ukoll li jekk persuna tingħata Gieh Nazzjoanli għal dan il-Gieh ma jiġux kunsidrati. Il-Kunsill qabel nem.con li ghal 2012 Gieh iz-Zejtun jinghata lil Lino Psaila. Fl-imgħoddi diġa kien hemm deċiżjoni li Ġieħ iż-Żejtun ma jingħatax post mortem. | Seychell |
| 03. | 10. | 3 | | | Sindku - GARMED | Is-Sindku nforma l- Kunsill li Profs Buħagiar ser jaħdem fuq Ġnien il-Kmandant u Gnien San Girgor. Ser jagħti pariri kif jista jsir aktar titjib fil-ġonna, bħal tags bl-ismijiet tas-siġar u tħawwil ta' siġar ġodda. Fis-16 ~~Marzu~~ April ser ikollu delegazzjoni mil-Italja. Għaldaqstant il-ġnien ghal dak inhar irid ikun fl-aħjar kundizzjoni. Il-Profs Buhagiar ser jagħti ukoll pariri ta' kif għandu isir l-iżbir tas-siġar fi Vjal 25 ta' Novembru. | Sindku / Hales |
| 03. | 10. | 4 | | | Sindku - Traffic Lights ta' 25 ta' Novembru | Is-Sindku nforma lil Kunsill fuq il-problema bit- Traffic Lights li hemm fil-ħrug minn Vjal 25 ta' Novembru minħabba li dawn qed idumu ftit wisq fuq lk-aħdar. Il-Kunsill qabel nem.con li għandu isir protest biex jitranġa l-ħin. | Segretarjat |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 10. | 5 | | | Wille Piscopo | Wille Piscopo qajmet il-punt fuq il-kontenituri taż-żejt irreciklat fejn ingħatat suġġeriment sabiex tagħmel kuntatt ma' l-ECO grupp tal-Knisja. Hija issuġġeriet ukoll sabiex isiru bins għal ħmieġ tal-klieb. | Wille Piscopo |
| 03. | 10. | 6 | | | Hales - Triq Xrobb l-ghagin | Hales semma li Triq Xrobb l-Għaġin tinsab fi stat ħażin ferm. Is- Sindku nforma li suppost ser jibda x-xogħol tad-drenaġġ li suppost beda zmien ilu | |
| 03. | 10. | 7 | | | Hales - Rampa tal-Latrina | Hales informa lil Kunsill li l-madum tar-rampa tal-latrina tal-pjazza saret tiżloq ferm u għalhekk ippopona sabiex nipruvaw nixtru madum non slip u jwaħħluh il-ħaddiema tal-Gvern ghax il-lakstu qed jinqala' kull darba. | Hales |
| 03. | 10. | 8 | | | Hales - Tabelli fil-ġonna | Hales gibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li jridu jitwaħħlu it-tabelli li ma jistax isir tipjip fil-gonna. Il-Kunsill qabel nem.con. | Hales |
| 03. | 10. | 9 | | | Hales - Kuntratti mal CSD | Hales talab il-Kunsill sabiex jikkunsidra li l-kuntratti li għanda mal-Cleansing jigu mġedda għal sena oħra. Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jsir appuntament mad-Direttur tal-Cleansing fuq dan ir-rigward. | Segretarjat |
| 03. | 10. | 10 | | | Fenech | Fenech infurmat lil Kunsill li ġiet avviċinata minn Dar Nazzareth sabiex xi membri jinvolvu ruhhom maz-zgħażagħ. Il-Kunsill qabel nem.com | Fenech |
| 03. | 10. | 11 | | | Fenech - Youth in Action | Fenech saqsiet lis-segretarjat jekk kellnix xi risposta fuq il-Progett Youth in Action. Ir-risposta kienet fin-negativ. | |
| 03. | 10. | 12 | | | Fenech - Teżijiet | Fenech qalet li ser isir evalwazzjoni ta' l-individwi ta' minn jipprezenta t-tezi. It-talba ta' minn vera ikollu bzonn l-ghajnuna finanzjarja tiġi evalwata. | Fenech |
| 03. | 10. | 13 | | | Fenech - Korsijiet ta' l-Aerobics | Fenech infurmat lil Kunsill li bħalissa hemm żewg korsijiet ta' l-Aerobics għaddejjin filgħodu. | |
| 03. | 10. | 14 | | | Fenech - Jum iż-Żejtun<br>attività | Fenech infurmat lil Kunsill li ghal Jum iz-Zejtun ser isir festival sportiv miz-Zejtun Corinthians bejn 10 nurseries fis-17 ta' Marzu u li l-Hadd filghodu ser ikun hemm kompetizzjonji fotografika fejn ir-ritratti ser jiġu ippublikati wkoll fuq facebook. | Fenech |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 10. | 15 | | | Fenech- Skate Park f' GSM | Fenech saqsiet fuq il-maintance ta' l-iskate park li hemm fi Gnien iz-Zghozija minhabba safety ghal minn jagħmel użu minnha. Is-Sindku nforma lil Kunsill li din saret skond l-EU standards izda xorta ser isir kuntatt mal-kuntrattur biex nisiguraw li tinstab f'kundizzjoni tajba. | Sindku |
| 03. | 10. | 16 | | | Seychell - Jum iż-Żejtun | Seychell informa l-Kunsill li għal Jum iż-Żejtun hemm preparat il-Konkors Letterarju li għalih dahlu 8 kitbiet, Ghas-Seminar li ser isir fil-18 ta' Marzu l-kelliema huma George Vella, l- Arcipriet, u Andrea Cutajar. Intbghatet stediena lil agenzija zgħazagħ li ser tibghat rapprezentat taghha. Il-Kunsill qabel nem.con. | Seychell |
| 03. | 10. | 17 | | | Seychell - Ġnien Brejġu | Seychell informa lil Kunsill bil-problema li qed tinħloq fi Ġnien Brejġu minħabba il-Bring in Sites. Is-Sindku informa lil Kunsill li dawk ghal xi raguni qed jimtlew bl-ilma u l-kuntrattur mhux qed jikun jista ibgħatalhom. Minkejja dan l-kuntrattur huwa xorta obbligat li jiġbor dak ta' madwarhom. Seychell ġibed ukoll l-attenzzjoni tal-Kunsill li qed ikun hemm ukoll id-dawl ta' Gnien Brejġu mitfi ta sikwit. | Sindku |
| 03. | 10. | 18 | | | Vici Sindku - Reċiklaġġ tax-xemgħat. | Il-Vici Sindku nfurmat lil Kunsill li r-reciklaġġ tax-xemgħa waqaf mid-Dipartiment tas-saħħa minħabba raġunijiet sanitarji. Is- 6 bins li kienu qiegħdin jintuzaw għal dan l-iskop ser jergaw jingiebu lura l-Kunsill. | Viċi-Sindku |
| 03. | 10. | 19 | | | Vici Sindku - Attivitajiet tal-Gimgħa l-Kbira | Il-Vici Sindku infurmat lil Kunsill li bhal issa kull minn ser itella xi wirja fi zmien il-Gimgha l-Kbira jista jinkiteb il-Kunsill. Ser isir il-quddiesa ta l-Għid ghat-tfal fejn jinghataw il-figolli kif ukoll ser isiru attivitajiet ghal familja maghtul l-Gimgħa Mqaddsa. | Viċi-Sindku |
| 03. | 10. | 20 | | | Vici Sindku - Librerij | Il-Vici Sindku infurmat lil Kunsill fuq il-laqgha li saret riċenti rigward il-Librerij. Il-Kunsill talab li Camilleri jaghmel 'follow up'. | Camilleri |
| 03. | 10. | 21 | | | Vici Sindku -Jum iż-Żejtun | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li għal Jum iż-Żejtun ser itella diversi loghob ghat-tfal kif ukoll treasure hunt. | Vici-Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 10. | 22 | | | Vici Sindku - Ta' Ganza Housing Estate | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li issa l-progett fuq il-Housing Est ta' Hal Tmiem tlesta u li issa ser jinbeda l-proċess sabiex jibda x-xogħol għal Housing Est Ta' Ganza. Peress li f' Ta' Ganza hemm 10 blokki u l-10 interessati li jipparteċipaw, qed isir ftehim mal Housing sabiex mal Euro 45000 ningħataw Euro 5000 addizzjonali din is sena sabiex b'hekk isiru l-blokki kollha f'din l-estate. | Vici- Sindku |
| 03. | 10. | 23 | | | Segretarjat - jirraporta | Ġew ipprezentati l-Annual Financial Budgets (January - December 2012) fejn ingħatat spejgazzjoni fid-dettal ta dan ir-rapport. Sindku propona li naccettawh u Wille Piscopo sekondat. Il-Kunsill qabel nem.con. | |
| Is-Sindku għalaq il-laqgħa 10.15pm Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Joe Attard | | | Anton Falzon | |
| Sindku | | | Segretarju Eżekuttiv | |

KUNSILL LOKALI
ŻEJTUN
Città Beland